GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **22 ta' Marzu 2023** **Ref: DDLTS 9/2023**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel tal-Kindergarten, tas-Snin Bikrin Primarja (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja), Child Care Centres, u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Servizz ta' Appoġġ Nazzjonali tal-eTwinning**

**Suġġett:** **Stedina għal eTwinning Seminar għal Edukaturi tas-Snin Bikrin Ġewwa Vilnius, il-Litwanja 22-24 ta Mejju 2023**

---

L-Organizzazzjoni Nazzjonali ta' Appoġġ għall-eTwinning (NSO) qed jisponsorja tliet edukaturi tas-snin bikrin biex jattendu seminar tal-eTwinning ġewwa Vilnius il-Litwanja. L-akkomodazzjoni, l-ispejjeż tas-seminar u t-titjiriet se jkunu koperti u bbukkjati mill-NSO tal-eTwinning.

- **Data:** 22-24 ta' Mejju 2023
- **Taħriġ fl-eTwinning**: Bidu/Medja
- **Livell:** Edukaturi tas-snin bikrin
- **Min qed jorganizza:** il-Litwanja

**Applikazzjoni**
L-edukaturi jistgħu japplikaw billi jimlew il-*Formola* hawn taħt sat-**30 ta' Marzu 2023.**
Ħolqa: https://eu.jotform.com/build/221942584821358
***(Il-parteċipanti magħżula imbagħad se jiġu kkuntattjati biex jissottomettu formola bl-approvazzjoni tal-kap tal-iskola u l-kap tal-kulleġġ).***

**Kriterji ta' Eliġibbiltà**
- L-applikanti interessati jrid ikollhom login tal-UE u jkunu rreġistrati fl-eTwinning.
- Edukaturi li jkunu pparteċipaw f'Seminars/PDWs tal-eTwinning barra minn Malta ma jiġux ikkunsidrati.
- Minħabba l-ispazji limitati, l-applikazzjonijiet jintlaqgħu fuq bażi *first come first served.*

**Rapport/Disseminazzjoni/Aspettattivi**
- Il-parteċipanti jridu jissottomettu rapport wieħed bejniethom fi żmien ħamest ijiem wara l-avveniment.
- Wara s-seminar huma mistennija jaqsmu l-esperjenzi mal-istaff/kollegi tal-iskola.
- Preżentazzjonijiet jew kitba li tirrefletti l-benefiċċji ta' din l-esperjenza għandhom ikunu dokumentati u mibgħuta lill-*etwinning@ilearn.edu.mt.* Dawn jistgħu jiġu inklużi fin-Newsletter tal-eTwinning, fil-paġna ta' Facebook jew fil-Websajt.
- L-Edukaturi huma mistennija li jirreġistraw proġett waqt is-seminar.

Għal aktar informazzjoni, Il-kuntatt jista' jsir fuq in-numru tat-telefon 2598 1568 jew bl-imejl fuq etwinning@ilearn.edu.mt

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**